**MALTA**
**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-5 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 592/2015NHV

Numru fuq il-Lista: 23

**Aegis Corporate Services Limited**

**vs.**

**Giuseppe Pancione**
**u**
**Vito di Natale**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' elfejn u mitt ewro (€2100.00), rappreżentanti ħlas għal servizzi prestati mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut Giuseppe Pancione, kif jirriżulta mill-fatturi 148/2014, 149/2014, 252/2014 u 253/2014. Il-konvenut Vito di Natale ggarantixxa l-ħlas ta' Giuseppe Pancione.

Ra n-nota tas-soċjeta` attriċi tad-29 ta' Marzu 2016 illi permezz tagħha hija rtirat l-azzjoni fil-konfront ta' Vito di Natale u żammet ferm l-azzjoni fil-konfront ta' Giuseppe Pancione.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut Giuseppe Pancione ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta kif tradotti għal-lingwa Taljana, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Giuseppe Pancione sabiex iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elfejn u mitt ewro (€2100.00), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 ta' Lulju 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur